# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar Il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Cit. Nru. 1555/96GV**

**Anthony Spiteri**

**vs**

**Emmanuel Barbara**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Mejju 1996 l-attur wara li ppremetta li l-konvenut huwa debitur tieghu fl-ammont ta' Lm434.15 inkluza l-VAT dovuta fuq xoghol ta' panel beating, spray u bdil ta' parts fuq karozza ezegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut u ta' l-ahhar baqa ma hallasx nonostante li gie nterpellat f'dan is-sens u inoltre li din il-kawza kellha tigi deciza bil-procedura sommarja, talab ghalhekk illi l-

Ewwel Qorti ghandha tiddeciedi din it-talba bil-procedura sommarja u konsegwentament tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta Lm434.15 oltre l-imghaxijiet legali ghax-xogholijiet premessi ; Bl-ispejjes komprizi dawk ta l-affidavit u ta l-ittra interpellatorja datata 29 ta' April 1996 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ;

**L-ELLEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa l-pagament ghas-saldu, in parti permezz ta cheque mahrug mil- assikurazzjoni tieghu Commercial Union cheque numru 5557 u in parti permezz ta' flus kontanti minnghand l-istess konvenut ; inoltre gie eccepit ukoll li l-attur kien thallas in eccess u kwindi l-konvenut irriserva d-dritt li jigi refuz ghal tali eccess li jirrizulta; fl-ahhar nett giet eccepita l-preskrizzjoni ta sena u nofs; saret riserva wkoll ghal produzzjoni ta eccezzjonijiet ulterjuri jekk il-kaz;

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza datata 18 ta' Mejju 1998, l-Ewwel Qorti iddecidiet bill cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-ewwel talba tal-attur stante li accettat kontestazzjoni pero laqghet it-tieni talba tal-attur bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjes kontra l-konvenut;

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravju li gej :-

**(i) Dwar il-kwistjoni tal-Preskrizzjoni :-**

L-esponent jissottometti bir-rispett kollu li l-ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta qalet li din l-eccezzjoni kienet qed tigi meqjusa bhala rinunzjata peress li ma tressqux provi fuqha u l-anqas ma giet trattata. Mhux talli ma saret ebda rinunzja da parti tal-konvenut liema rinunzja ghandha ssir b'mod espress u bl-aktar mod inekwivoku izda l-artikolu 2108 (1) Kap 16 ighid car u tond li l-preskrizzjoni ma tistax tigi rinunzjata minn qabel. Mhux talli hekk izda huwa legalment ammess li tali eccezzjoni tista titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proceduri inkluz fl-Appell u tista sahansitra titqajjem ex officcio mill-istess Qorti ;

L-Ewwel Qorti lanqas ma kienet korretta li tghid li ma tressqux provi fuq dan il-punt u tali argument ma kienx gie trattat. It-trattazzjoni kienet saret verbalment u fil-fatt kienet saret referenza specifika ghal tali eccezzjoni ;

Inoltre jinghad ukoll illi l-provi migbura f'dan il-process ilkoll jistghu jigu

trattati bhala provi konklussivi fil-konfront ta din l-eccezzjoni. Irrizulta kemm mix-xhieda ta l-attur kif ukoll min dik tal-konvenut li l-att tac-citazzjoni odjern kien l-ewwel att gudizzjarju li ntavola l-attur kontra l-konvenut fuq din il-kwistjoni. Mix-xhieda ta Steve Conti, mid-deposizzjoni tal-istess kontendenti u mill-produzzjoni tad-dokumenti esebiti jirrizulta car u tond li gie provata l-preskrizzjoni tas-sena u nofs u cioe l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148a Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

**(ii) <u>Dwar il-kwistjoni tal-valur tal-hekk imsejha "extra works".</u>**

Illi wiehed ihares lejn il-kompless tal-provi prodotti u Partikolarment dwar il-mod kif giet intavolata l-kawza, ghandu jirrizulta li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija ferm aktar plawsibbli minn dik tal-attur. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet :-

a) Qabel ma ntavola l-kawza, l-attur qatt ma kien bghat att gudizzjarju iehor sabiex jinterpella lill-konvenut ghal hlas. L-attur kien ilu zmien twil li rcieva l-pagamenti ta Lm276 minnghand l-assikurazzjoni u ta Lm200 minnghand il-konvenut in kontanti u sussegwentement ghal tali pagamenti qatt ma qal u/jew ppretenda li kien ghad jonqos xi bilanc favur tieghu. Kien biss hafna taz-zmien wara u cioe meta nqala l-inkwiet bejn il-kontendenti, li jigu minn xulxin, li l-attur ippretenda dawn

il-flus. Fil-fatt hekk kif inqala l-inkwiet bghat ittra bonarja ghal hlas u gimghtejn wara biss intavola l-odjerna kawza;

b) Fil-premessi tal-kawza l-attur ma jghidx li l-ammont pretiz kien bilanc dovut minn somma akbar izda jghid li l-ammont pretiz huwa dak li jirraprezenta l-valur tax-xoghol kollu li kien ghamel fuq l-imsemmija vettura;

c) Illi kien biss wara li l-konvenut ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u gab il-prova dwar il-pagamenti maghmula li l-attur biddel il-verzjoni tieghu u beda jghid li l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien biss bilanc minn somma akbar;

d) L-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda referenza ghax-xhud indipendenti prodott mill-konvenut fuq insistenza ta l-istess attur u cioe ta dik il-persuna li kienet xtrat il-vettura minnghand il-konvenut. Dan ix-xhud kien qal car u tond anke in kontro-ezami illi l-vettura li kien xtara meritu ta l-odjerna kawza la kellha rimmijiet u/jew tyres godda u lanqas ma kellha tapezzerija gdida. Fil-fatt il-vettura ma tantx kienet f'kondizzjoni tajba u dana anke jirrifletti ruhu mill-prezz miftiehem;

e) Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet li l-extra works kienu gia jammontaw ghal Lm378 u ghalhekk qalet li kienet inverosimili

li l-konvenut kien qed jippretendi li jhassas biss Lm200. Dan kien argument zbaljat ta l-Ewwel Qorti peress illi fix-xoghol li hija vvalutata fl-ammont ta Lm378 hemm inkluz xoghol li kien kopert mill-pagamet li sar mill-assikurazzjoni tal-konvenut. Illi ghalhekk ghal valur indikat mill-Ewwel Qorti ta Lm378, l-attur kien thallas b'kollox bejn minnghand il-konvenut u bejn minnghand l-assikurazzjoni s-somma ta Lm476 u mhux ta Lm200 – illi kien appuntu minnhabba f'hekk li l-konvenut sa miz-zmien tal-prezentata tan-nota ta eccezzjonijiet tieghu, huwa kien qed jallega li hallas lill-attur somma eccessiva u li kwindi kien qed jirriserva d-dritt li jitlob refuzjoni ta l-istess eccess imhallas. Dan il-punt wahdu jaghti aktar kredibilita ghal verzjoni tal-konvenut min dik pretiza mill-attur;

f) Dwar il-kwistjoni ta l-ircevuti msemmija mill-Ewwel Qorti, din m'ghandha ebda rilevanza probatorja partikolari peress illi z-zewg kontendenti qabblu dwar il-pagamenti ta Lm276 u ta Lm200 u f'ebda okkazzjoni l-attur ma hareg xi ricevuta – lanqas ghal pagament maghmul mill-assikurazzjoni. Jekk kien ghad jonqos xi bilanc wara li sehhew dawn l-imsemmija zewg pagamenti, kien ikun aktar fl-interess ta l-attur li johrog dokument fejn jindika l-bilanc lilu dovut. Dan id-dokument qatt ma rrilaxxjah peress li fil-verita huwa kien jinsab imhallas ghal kollox bil-pagamenti fl-ammont ta Lm476.

Il-konvenut appellant talab li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla Tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tigi varjata u modifikata fis-sens li filwaqt li tigi konfermata fejn cahdet l-ewwel talba tal-attur, thassarha fejn laqghet it-tieni talba ta l-attur u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u minnflok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif maghmula u konsegwentament tichad it-tieni talba ta l-attur, bil-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**<u>RISPOSTA TA' L-APPELL TA' ANTHONY SPITERI</u>**

5. L-attur appellat wiegeb hekk :-

(i) Illi s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet premessi hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

(ii) L-ewwel Qorti kienet korretta li l-attur stess ma baqghax jinsisti fuq l-eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni. Effettivament l-attur xehed li meta kien jitlob il-hlas lill-konvenut dan qatt ma qallu li ma kellux jaghtih izda meta kien jitlobhomlu kien jghidlu li ma kellux flus. B'hekk il-konvenut sakemm saret il-kawza kien qed jirrikonoxxi d-debitu tieghu. L-ewwel Qorti emmnet il-verosimili, kemm ghaliex kellha wkoll opportunita' tara effettivament il-mod kif il-konvenut kien qieghed jixhed

u anke minn dan setghet tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.  F'kull kaz il-preskrizzjoni invokata mhijiex applikabbli.

(iii) Dwar it-tieni aggravju tal-konvenut l-esponent qieghed jesebixxi kopja ta' l-ittra bonarja imsemmija fic-citazzjoni mnejn jirrizulta li kontra dak allegat fl-argumentazzjoni ta' dan l-aggravju, mhux veru li l-esponent qatt ma qal li l-ammont mitlub minnu kien bilanc minn somma akbar, u li dan qalu biss ghax biddel il-verzjoni tieghu "wara li l-konvenut ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u gab il-prova dwar il-pagamenti maghmula".  In fatti jidher minn din l-ittra li ntbaghtet fid-29 ta' April 1996, li l-ammont dovut lill-esponent kien "**bilanc** tal-prezz ta' xoghol".

(iv) L-argumenti kollha ta' l-appellant gew ikkonsidrati mill-ewwel Qorti li ghamlet l-apprezzament u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi prodotti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6 Din hija kawza dwar kreditu reklamat mill-attur kontra l-konvenut in konnessjoni ma xoghol minnu effettwat u hlas ta' "parts" minnu suppliti fuq vettura Cortina appartenenti lill-konvenut.  Jirrizulta li meta din il-vettura ddahhlet ghat-tiswija u "spray-paint" ghand l-attur, kien hemm ukoll "claim" pendenti ma' kumpannija assiguratrici fis-sens li din

kellha taghmel tajjeb ghall-hlas tax-xoghol li ried isir. Fil-fatt din il-kumpannija hallset – ara xhieda tar-rapprezentat taghha Steve Conti (fol 32 –33 tal-process) – l-ammont ta' Lm276. 00c. S'hawnhekk m'hemmx kuntrast bejn il-kontentendenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ammont imhallas – imqar jekk anki fuq dan il-punt l-attur kien vag (fol 41) billi jghid biss

> *" Ma nafx kemm kien l-ammont li hallsuni ta' l-insurance, bejn wiehed u iehor hallsuni xi haga fuq il-Lm200".-*

Din ix-"xi haga" effettivament kienet Lm76. billi b'kollox huwa rcieva Lm276.

7. Jirrizulta sew mill-provi li oltre dak ix-xoghol u "spare-parts" koperti bl-"insurance claim", il-konvenut appellant talab xoghol iehor addizzjonali minghand l-attur appellat fuq l-imsemmija vettura u d-disgwid li ta lok ghal din il-vertenza jiskaturixxi sewwa sew minn dan ix-xoghol addizzjonali. Il-Qorti tibda billi tosserva li jirrizulta li kien hemm ftehim dwar l-ammont fi flus, ta' dak li kellu jithallas mill-attur. Mhux ikkontestat il-fatt li dan ix-xoghol addizzjonali sar u li dwaru l-konvenut hallas mitejn lira (LM200). La nghataw u lanqas gew esebiti ricevuti dwarhom. Il-vertenza proprja hija dwar il-**quantum** li kien realment dovut dwar dan ix-xoghol addizzjonali u jekk il-kreditu kienx preskritt.

**DWAR IL-PRESKRIZZJONI**

8. Wahda mill-eccezzjoni sollevati mill-appellant kienet dik tal-preskrizzjoni "qasira" ta' tmintax il-xahar li "jidher" li l-Ewwel Qorti cahditha. Din il-Qorti wzat il-kelma "Jidher" ghar-raguni li l-Ewwel Qorti sorprendentement iddisponiet minnha semplicement billi rriteniet hekk,

"... il-Qorti tirileva li l-konvenut ma ressaq ebda provi dwarha, u lanqas ittrattaha, ghalhekk il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala li giet rinunzjata". L-ewwel aggravju tal-konvenut hu proprju dak li rinunzja la jirrizulta li kien hemm da parti tal-eccipjent konvenut u lanqas ma din setghet, din tigi assunta mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti l-aggravju s'hawnhekk hu wiehed fondat. Dan ghaliex mhux talli rinunzja assunta jew inplicita ma setghetx tigi inferita imma anke l-mod kif din l-eccezzjoni giet deciza kien proceduralment skorrett billi skond il-ligi (ara artikolu 730 tal-Kap. 12) l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi deciza b'kap ghalih. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata ghandu invece jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet in realta' qieset (u mhux allura warrbet) din l-eccezzjoni u dehrilha li l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti dwarha biex isostniha u dan ir-ragjonament tal-Qorti huwa msahhah ukoll bil-fatt li fl-ahhar parti tad-<u>decide</u>, l-Ewwel Qorti terga tirrepeti li kienet qeghda tichad l-eccezzjonijiet <u>kollha</u> tal-konvenut.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidrilha opportun li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista tigi mistharga u deciza minnha u mhux allura l-kaz li tirrimanda l-att quddiem l-Ewwel Qorti – tali eccezzjoni tista' anke tigi sollevata fl-stadju ta' appell.

9. Mill-provi jirrizulta, dejjem dwar dina l-eccezzjoni, li l-attur dejjem baqa' jippretendi li kien ghadu ma rceviex hlas per saldu minghand l-appellat, u xehed espressament li meta kien jitlob il-bilanc minghand il-konvenut dan kien wiegbu li ma kellhux flus. Din ix-xhieda ma gietx kontradetta b'konvinzjoni. Tax-xoghol dovut mill-assikurazzjoni jirrizulta li sar pagament b'cekk datat 12 ta' Lulju 1994 (ara fol 37). Jirrizulta li x-xoghol addizzjonali sar wara. Il-konvenut qatt ma jispecifika meta huwa effettwa z-zewg pagamenti ta' Lm200 lill-attur li hu jghid li thallsu per saldu. Fic-cirkustanzi ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sufficjentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li allura jfisser li l-Ewwel Qorti kienet gustifikata meta finalment "jidher" li rrespingitha , tenut kont ukoll ta' dak li gie osservat minn din il-Qorti dwar dan.

**DWAR IL-"QUANTUM" DOVUT**

10. Dwar il-"quantum" dovut il-provi li gew prodotti jammontaw ghal "tahwida" shiha billi l-mod vag u generiku li bih xehdu l-partijiet iktar sewa biex jiggenera incertezza milli jikkristallizza x'kien tabilhaqq dovut. Dan kollu minkejja li l-attur esebixxa kontijiet bil-gziez.

11. Jirrizulta li wara li gie miftiehem bejn il-kontendenti li fuq il-vettura kellu jsir xoghol addizzjonali ta' "rust proofing", tapizzerija u bdil ta' parts, ma sarx ukoll ftehim dwar il-"quantum". La ntalbet u lanqas ma jidher li saret stima preventiva. Wara li sar ix-xoghol il-konvenut gie mitlub ihallas tieghu. Kien propju f'dan il-mument u dak li ssuccieda wara li pprecipita l-vertenza. Il-konvenut ghamel zewg pagamenti li komplessivament kienu jammontaw ghal Lm200. Issa filwaqt li l-appellat isostni li dan il-hlas kien per saldu, l-attur jghid li kien ghadu skopert Lm434.15c u li allura jfisser li tax-xoghol addizzjonali l-attur ippretenda Lm634.15c, u li jekk wiehed jghoddu mal-Lm276 gia mhallsa mill-kumpannija assikuratrici ifisser li b'kollox l-attur kien qed jirriklama s-somma ta' Lm900.15c (disa mija u hmistax il-centezmu). Frankament din il-Qorti hija tal-fehma li minn dak li jemergi mill-provi komprizi u ritratti tal-vettura de quo (ara dokumenti) dan l-ammont jidher wiehed sproporzjonat u ma jirriflettix dak li tassew kien dovut. L-attur beda biex xehed li l-kumpannija assiguratrici hallsitha "xi haga" in eccess ta'

Lm200, fil-fatt hu gja kien ircieva Lm276. Fl-att tac-citazzjoni kien talab biss l-ammont ta' Lm434.15c minghand il-kontroparti konvenuta bla ma semma' l-kwalifika ta' "bilanc". Kien biss fl-istadju ta' l-Appell li (bla awtorizzazzjoni) l-appellat qabad u pproduca kopja ta' ittra interpellatorja fejn hemm il-kliem "bilanc tal-prezz ta' xoghol". Apparti l-irritwalita' tal-prezentata ta' dan id-dokument minn naha tal-appellat mhuwiex eskluz li l-hlas mitlub ta' Lm434.15c f'din l-ittra bhala hlas bilancjali hemm x'juri li ghall-attur kien hemm ness bejn li x-xoghol ta' qabel kien gie saldat mill-kumpannija assiguratrici u li kien ghad jonqos x'jithallas dan il-bilanc ukoll mill-konvenut. In kontro – ezami, di fatti l-attur jixhed hekk (fol 42)

*"B' ta' l-insurance b'kollox jiena kelli niehu xi Lm800 u xi haga. Minn ghand l-insurance thallast".*

Jidher evidenti mis-suespost li l-attur kien qieghed jikkonnetti z-zewg kontijiet flimkien, ankorke' dawn kienu dovuti minn zewg debituri differenti. In propozitu, din il-Qorti tinnota li meta b'mod vag l-attur jghid "jien kelli niehu xi Lm800 u xi haga" – dik ix-"xi haga" din id-darba kienet mitt lira ohra. Billi mbaghad l-attur sab ruhu f'sitwazzjoni li ried jaghti spjegazzjoni dwar il-pagament ta' Lm200 ivversat lilu mill-konvenut, huwa allura pprezenta nota ta' riduzzjoni fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1997 (fol 44) fejn iddikjara "Li biha jirriduci t-talba ghal Lm434.15c"u

dan meta fl-att tac-citazzjoni s-sorte mitluba gia kienu ghal dan l-ammont.

12. Illi din il-Qorti tinnota li meta l-Ewwel Qorti kkunsidrat x'ghandu jithallas mill-konvenut ghax-xoghol addizzjonali hija osservat hekk (fol 59),

"... jekk wiehed jiehu biss l-ammont mitlub ghall-ispray, rust-cutting u panel beating ghal fuq il-kawza kollha diga' tasal ghal figura ta' Lm378, li hija hafna superjuri ghall-ammont ta' Lm200 li qed jippretendi l-attur (recte konvenut) li kien jiswa x-xoghol kollu"

Dwar ix-xoghol fuq it-tapizzerija, ix-xhieda prodotta tidher ukoll monka u inkonklussiva.

Illi tenut kont tas-suespost din il-Qorti jidrilha li l-probabilita' hi l-ammont realment dovut ghax-xoghol kollu li sar addizzjonalment, komprizi xiri ta' "parts" mill-attur – sewa Lm434.15c u li minn dan l-ammont il-konvenut effettwa hlas ta' Lm200. Dan ifisser mela li ghad baqa dovuti u x'jithallas l-ammont bilancjali ta' mitejn u erbgha u tletin lira u hmistax-il centezmu (Lm234.15c) u dan per saldu.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' in parte l-appell intavolat mill-konvenut appellant, tirriforma s-sentenza appellata minn kif moghtija mill-Ewwel Qorti billi tikkonferma dik il-parti fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghar-raguni li din ma tirrizultax sufficjentement ippruvata kif ukoll fejn giet respinta l-ewwel talba attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu dawn jghidu li ebda ammont ma hu dovut u tilqa in parte it-tieni talba attrici, u tirrevokaha ghall-bqija, u wara li tirriduci l-ammont dovut lill-attur bhala sorte ghall-ammont ta' Lm234.15c, kif fuq inghad, tikkundanna lil konvenut appellant ihallas, minflok, dan l-ammont hekk ridott lill-attur appellat per saldu tas-sorte.

Il-kap ta' l-ispejjez relattivament ghaz-zewg istanzi jigi sopportat nofs bin-nofs bejn iz-zewg kontendenti.

Dep/Reg

rk